

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Mejju 2010 –
Ravensburger vs UASI – Educa Borrás (EDUCA Memory game)**

(Kawża T-243/08)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva EDUCA Memory game — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti MEMORY — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) u (5), Artikoli 74 u 75 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b) u (5), u l-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet relattivi ta’ invalidità — Reġistrazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 24, 42)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta’ April 2008 (Każ R 597/2007-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Ravensburger AG u Educa Borrás, SA.

Informazzjoni dwar il-kawża

It-trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett ta’ applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta’ invalidità:	EDUCA Memory game għal prodotti fil-klassi 28 – Trade mark Komunitarja Nru 495036
Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:	Educa Borrás, SA
Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ invalidità tat-trade mark Komunitarja:	Ravensburger AG

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark verbali internazzjonali MEMORY, Reġistrazzjoni Nru 393512; trade mark verbali Benelux MEMORY, Reġistrazzjoni Nru 38328; trade mark verbali Ġermaniża MEMORY, Reġistrazzjoni Nru 964625
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:	Invalidità tat-trade mark Komunitarja kkonċernata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ravensburger AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Mejju 2010 – Nexus Europe (Ireland) vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-424/08)

“Klawżola ta’ arbitraġġ — Il-ħames programm qafas għal azzjonijiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni — Proġett fuq it-tendenzi makroekonomiċi u urbani fis-soċjetà Ewropea tal-informazzjoni (Muteis) — Dannu li jirriżulta mit-tibdil ta’ kuntratt fir-rigward tas-sistema ta’ rimbors tal-ispejjeż inkorsi minn parteċipant fil-proġett”